MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 272/1993/1

**Alfred Mangion**

**v.**

**Carmela sive Carrie Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi huwa ilu snin konsiderevoli fil-pussess ta' l-ghalqa konsistenti

f'porzjonijiet f'salib it-toroq f'Triq Liedna l-Fgura; illi recentement ossia tlett ijiem ilu l-konvenuta kkommettiet spoll a dannu ta' l-attur billi qeghdha tibni hajt fuq l-istess porzjonijiet maqsuma ta' l-ghalqa b'dan illi huwa mahsub illi l-bini ta' l-istess hajt ser jestendi ghall-access li l-attur ghandu ghall-bitha b'garaxijiet; illi dan l-agir da parti tal-konvenuta jikkostitwixxi spoll abuziv u vjolenti tad-drittijiet ta' pussess li l-konvenut (*sic*) ghandu fuq l-imsemmija ghelieqi; illi l-pussess da parti ta' l-attur jirrizulta anke permezz ta' sentenza deciza minn dik l-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Frar 1993 ghall-liema sentenza l-konvenuta ddikjarat permezz ta' nota li behsieba tappella minnha; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara li l-konvenuta bl-agir taghha spoljat lill-attur billi abusivament u vjolentement qeghdha taghmel xoghol ta' bini fuq l-ghalqa maghrufa bhala 'Ta' Bajjada' fi Triq Liedna l-Fgura; 2. tordna lill-konvenuta li tirreintegra lill-attur fil-pussess u godiment ta' l-ghalqa billi tnehhi kull bini li sar fuq l-art *de quo* bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 791 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili; bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenuta ngunta insubizzjoni u spejjez ta' mandat ta' inibizzjoni pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:
Illi hija bl-ebda mod ma rrendiet ruhha hatja ta' spoll kif allegat fic-citazzjoni ta' l-attur u dan billi l-pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni kien jappartjeni lilha u l-attur ma kellux il-pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza ta' l-erbatax (14) ta' Dicembru, 2001 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet l-

eccezzjoni tal-konvenuta u cahdet it-talba attrici, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Il-Qorti taghmel riferenza ghall-provi, dokumenti u konsiderazzjonijiet migbura u maghmula fil-kawza 286/93 fl-ismijiet inversi deciza illum, u a skans ta’ ripetizzjoni dawn ghandhom ukoll japplikaw ghall dina l-kawza kif kien ordnat li jsir waqt is-smiegh tal-kawza.

“Illi mill-provi prodotti fiz-zewg kawzi rrizulta li l-attur ma kellux il-pussess tal-partijiet ta’ l-ghalqa in kwistjoni. Dawn kienu fil-pussess ta’ l-attrici u uliedha u kienu huma li gew spussessati. L-attrici [*recte*: il-konvenuta] kienet bniet il-hajt in kwistjoni bhala manifestazzjoni tal-pussess li hija kellha ta’ l-art in kwistjoni.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
“… li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha *in toto* fejn cahdet it-talba attrici, laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta stante li l-attrici hija ko-proprjetarja ta’ l-ghalqa li tinsab fil-limiti ta’ Hal Tarxien in kontrada tal-Fgura imlaqqma il-Bajjada jew tal-Wied, stante li l-ghalqa msemmija m’hijiex l-istess art li l-attur appellant ilu jokkupa ghal izjed minn tletin sena ta’ pussess kontinwu u mhux miksur, pacifiku u pubbliku u mhux ekwivoku, u li fuqha l-konvenuta appellata kkommettiet spoll, bl-ispejjez taz-zewg istanzi ukoll jithallsu mill-konvenuta appellata.”

Rat ir-risposta tal-konvenuta illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tar-rikors ta’ appell jirrizulta illi l-attur appellant avanza aggravju wiehed kontra s-sentenza

appellata, dak illi, fi kliem l-istess rikors ta’ appell, “… s-sentenza hija bazata fuq apprezzament hazin tal-provi prodotti”;

Skond l-appellant, l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti huwa hazin ghaliex, dejjem fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“… l-art li l-konvenuta tikkontendi li hija taghha, m’hijiex l-istess art li mill-provi prodotti jirrizulta li l-esponent ilu jokkupa ghal iktar minn tletin sena, u dana kif jirrizulta ampjament mill-provi prodotti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili …;
“Illi l-esponenti umilment jissottometti li din il-konsiderazzjoni li tirrizulta mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku hija fundamentali, u effettivament timpingi fuq il-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha maghmula mill-Onorabbli Prim Awla fl-apprezzament tal-provi prodotti, *inter alia* il-konsiderazzjoni tal-preskrizzjoni ta’ tletin sena li permezz taghha l-attur akkwista titolu validu skond il-Ligi” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Dina l-Qorti ma taqbilx mar-ragunijiet avanzati mill-appellant fis-silta appena citata tar-rikors ta’ appell sabiex juri illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u, f’dan ir-rigward, a skans ta’ ripetizzjoni, taghmel ampja riferenza ghall-konsiderazzjonijiet minnha maghmula fis-sentenza taghha moghtija llum fil-kawza fl-ismijet *Carmela Micallef vs Alfred Mangion* (Citaz. Nru. 286/93);

Ghalhekk, l-aggravju ta’ l-appellant huwa infondat;

Ikkunsidrat:

Illi dak illi dina l-Qorti tixtieq taghmel car huwa illi, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, hija konvinta illi l-art meritu tal-kawza odjerna hija dik - jew parti minn dik - indikata bl-ittra ‘B’ fil-pjanta dokument PT3 illi tinsab esebita a fol. 215 *bis* tal-process tal-kawza hawn fuq imsemmija, citazzjoni numru 286/93; hija dwar din l-art illi fis-sentenza appellata jinghad:

“Illi mill-provi prodotti … rrizulta li l-attur ma kellux il-pussess tal-partijiet ta’ l-ghalqa in kwistjoni. Dawn kienu fil-pussess ta’ l-attrici u uliedha u kienu huma li gew spussessati. L-attrici [*recte*: il-konvenuta] kienet bniet il-hajt in kwistjoni bhala manifestazzjoni tal-pussess li hija kellha ta’ l-art in kwistjoni.”

Dina l-Qorti taqbel ma’ dak appena citat mis-sentenza appellata;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------